## BIJOGRAFIJI minn Ġorġ Peresso waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fil-Bitħa tas-Santwarju mill-Banda La Vittoria. 29 ta' Settembru 1990

**NIKOLA MONTEBELLO - Ex-Surmast**

Fis-sitta ta' Mejju, 1930, sittin sena ilu, miet f'Ħal Qormi is-surmast Nikola Montebello. kellu seba' w ħamsin sena. L-aħbar ħakmet il-Mellieħa dak in-nhar stess. "Tlifna surmast!" "Tlifna ħabib", "Tlifna raġel". Hekk b'xi mod kien id-diskors fil-Każin La Vittoria, hawn fil-Mellieħa, fejn is-surmast Montebello kien ilu jmexxi l-Banda mill-1924. U d-diskors kompla, kif jiġri fil-mewt ta'nies kbar u nies ta' talent, dwar il-ħila tiegħu, il-metodi tiegħu , kemm stinka biex il-Banda minn waħda ta' tletin ruħ iġibha qawwija b'ħamsa w sittin bandist, isemmu l-marċi u l-innijiet tiegħu, il-mod deċiż li bih kien jidderieġijew jikkoreġi,id-delizji tiegħi, l-aktar is-sajd.



*Nikola Montebello - Ex-Surmast*

Illum, sittin sena wara mewtu, aħna nġbarna għad-dell tas-Santwarju tal-Madonna, mhux sempliċiment biex infakkru mewt ta' bniedem kbir u maħbub, imma nfakkru l-attivitajiet mużikali li lħallielna tul ħajtu.

Id-dati bioġrafiċi tiegħu nistgħu niġbruhom fi ftit kliem: twieled Ħal Qormi fis-sitta ta' Diċembru, 1872 u ġie mgħammed jumejn wara fil-Parroċċa tal-Martri San Ġorġ. Beda jitgħallem il-mużika ta'età żgħira. Barra l-kurunetta tgħallem ukoll il-kitarra. Ta' età żgħira laħaq bandist, imbagħad surmast tal-Banda tan-Navy Ingliża, avveniment li permezz tiegħu mhux biss tħarreġ fid-direzzjoni imma wkoll fid-dixxiplina. F'Lixandra kien idderiġa b'suċċess,massed Band tan-Navy. meta spiċċa minn mas-servizz laħaq surmast tal-banda San Ġorġ f'Belt twelidu. Ftit wara laħaq surmast tla-banda Santa Katerina fiż-Żejtun. Kien ukoll surmast tal-Banda Pinto ta'Ħal Qormi.



*Joe Cauchi - Segretarju jaqra messaġġ.*

Nikola Montebello laħaq surmast ta' La Vittoria fl-1924 wara li ħalla s-surmast Xuereb. Nistgħu ngħidu li dak iż–żmien il-Banda La Vittoria sena mit-twaqqif tagħha permezz tal-Fundaturi Giovanni Vella, Salvatore Grima, Francesco Bonello, Giuseppe Muscat u Angelo Abela, flimkien ma' l-ewwel President Gauci Forno.

Dak iż-żmien il-Każin tal-Banda kien fid-dar numru 7, Pjazza tal-Parroċċa, mogħti lilhom minn Dun Vinċenz Scicluna. Id-diffikultà ewlenija għas-surmast Montebello kien il-bogħod li kellu biex jitla minn Ħal Qormi għal Mellieħa. Dak iż–żmien bil-karozzin jew bil-karettun kont trid tiegħu mill-inqas tlett sigħat. Is-salarju kien se jkun £3 fix-xahar u kellu jgħati żewġ kunċerti fil-ġimgħa, lezzjonijiet lill-allievi u programmi meta u fejn ikun hemm bżonn. Is-surmast Montebello laqa' din l-istedina u dawn il-kundizzjonijiet, minkejja d-diffikultajiet li kellu quddiemu. F'ġurnata tas-Sibt,is-surmast Montebello tela' l-Mellieħa, iltaqa' mal-ftit Bandisti u mal-kumitat fil-Każin fejn illum hemm il-Banda l-ohra tal-Mellieħa, l-Imperial. Minn dak in-nhar bdiet ħbiberija u ħidma sfieqa bejn is-surmast minn Ħal Qormi u l-Banda La Vittoria kif ukoll man-nies tal-Mellieħa.

Il-Banda li ħa f'idejh is-surmast Montebello ma kinetx xi banda kbira, la għall-kwantità u lanqas għall-



*Ġorg Peresso - Narratur*

kwalità. Kien jaf, u dan kien ta'kuraġġ għalih, li kellu miegħu Kumitat u Bandisti dedikati,b'pika qabel xejn magħhom infushom, imħeġġa minn ideal li xejn mhu tajjeb ħlief it-tajjeb. U għal dan ħadmu immexxija mis-surmast tagħhom. Nikola Montebello ried jilħaq għan li l-bandisti jkunu kollha tal-post. Kien jaf li hekk biss seta' jkollu f'idejh li jsawwarhom hu, dejjem għad-disposizzjoni tiegħu u fuq kollox nies lesti li jaħdmu għall-imħabba tal-mużika u tal-każin tagħhom. Il-bandisti li tħarġu minnidejh,

li segwew il-lezzjonijiet tiegħu, li kienu jafu li żball wieħed kien biżżejjed biex jgħarraqlek esikuzzjoni. baqgħu jiftakruh bħala surmast li fl-aħħar mill-aħħar kien jieħu mingħandhom dak li jrid. Kien fiż-żmien is-surmast Montebello li l-Banda bdiet tieħu aktar bis-serjetà u b'impenn li ddoqq f'festi oħra barra r-raħal. Kien ukoll fiż-żmienu li l-Każin għadda għad-dar numru 43, fl-istess pjazza. Dan seħħ il-Ħadd, 3 ta'Marzu, 1926 u l-banda għamlet kunċert quddiem l-istess Każin.

Sadanittant, is-surmast Montebello nistgħu ngħidu li sar Mellieħi wkoll. Barra li kien jgħaddi l-mellieħa is-Sibtijiet u l-Ħdud, kellu wkoll mezzanin hawn 'ejn kien jgħaddi ġimgħat twal, l-aktar fis-sajf, jitħallat man-nies fil-pjazza u t-toroq,u jmur jistad ma' xi erba' ħbieb. Is-sajd kien għalih passatemp li jserħu, għalkemm kultant,bħal xi nota sgarrata, kien jimlieh nervi, meta kien imur jistad u jibqa bir-riħa tal-ħut. Is-Sur Antonio Sultan, f'noti biografiċi, ifakkar lis-surmast fil-mumenti sbieħ tiegħu bħala sajjied huwa u jistad bil-frejgatina jew inkella fuq il-Blat tax-Xquq jew ir-Rdum il-Ħmar. Is-segretarju, is-sur Joseph Cauchi ġabar tifkira tiegħu minn bandisti xjuħ li qalu li s-surmast Montebello kiteb ix-xogħol tiegħu La Fata di Redum il-Ħmar, wara li għadda sigħat jistad f'dawk l-inħawi, u f'moħħu kien qed jara aktar noti jaqbżu milli ħut.

U la semmejna l-kompożizzjonijiet tas-surmast Montebello, niftakru xogħlijiet sbieħ li kiteb espressament għall-Banda La Vittoria, fosthom żewġ innijiet *"Alla Nascente Bambina"* u *"Alla Vergine Bambina."* Fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-qniepen tal-Knisja, fl-1925, is-surmast Montebello kiteb id-Danza *The Fairy Bells*, u fl-okkazjoni tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa, fl-1930 ikkompona ix-xogħol *Pax Aeterna.*

Bil-kompożizzjonijiet tiegħu, is-surmast Montebello rebħa għadd ta'premjijiet, kemm Malta u kemm barra. Il-Lista hija twila, xhieda ta' xogħol u talent. kemm dam surmast tal-banda La Vittoria, rebha Diploma u Midalja tal-Fidda bil-marċi sinfoniċi: *"Gaudio"*, *"L'Alba della Vittoria"* u *"Gli Spirit Notturni"* fil-Konkors Mużikali *"Cavaliere Tito Belati"* ta' Perugia. F'Mejju tal-1928, rebaħ fost l-oħrajn, b'xogħlijiet bħal *"San Giovanni Battista Sincieri Awguri."* F'konkors ieħor hu rebaħ Grande Diploma d'Onore u Midalja tal-Fidda bis-Sinfonija *"Stella del Mediterraneo"* u l-Marċia Sinfonica *"I Ninfi della Foresta."* Kiteb ukoll operetta *"Ir-Reġina tad-Deżert"*. Meta miet fis-sitta ta' Mejju, 1930, huwa ħalla wirt ta' xogħlijiet artistiċi, talent u fuq kollox tifkira ta' bniedem li għalih il-mużika, il-każin, il-banda u l-bandisti kienu parti integrali mill-ħajja ta' raħal. Illum dan li qiegħda tfakkar is-soċjetà Filarmonika La Vittoria.

**VINCENZO CIAPPARA - Ex-Surmast**

Ippermettuli nibda dwan in-noti biografiċi u dan l-apprezzament dwar is-surmast Vincenzo Ciappara, b'din it-tifkira. Mingħalija kont il-Birgu, daqsxejn ta' tifel. Il-festi jferħuni. Il-marċi jsaħħruni. Kont smajt marċ li għaġġibni. Staqsejt lil wieħed bandist, x'kien jismu dak il-marċ, jew aħjar 'Dan x'Marċ hu?" L-ewwel bandist ma tax każi, forsi għax rani tifel li stajt intelfu. Iżda ta'warajh, qalli: "Dan tas-surmast Ciappara." Min hemm bqajt bħaldonni inħoss u nifhem li meta xi marċ huwa tajjeb kont ngħid". Dan ta' Ciappara." U ħafna drabi kont naqta.

Nistgħu norbtu l-isem ta' Ciappara ma' l-istruttura tal-marċ Malti. F'dan il-qasam kien pijunier. Il-marċi tiegħu għandhom dak it-ton mediterranju, fejn il-ferħ jitħallat mal-malenkonija, fejn imqar il-briju jaf jieqaf u jidħol fih innifsu, fejn it-trijonfali jitħallat mal-ħajja strobjuża Maltija. hemm xi ħaġa patrijottika u folkloristika fix-xogħlijiet ta' Ciappara. Hemm fuq kollox serjetà. Ix-xogħlijiet tiegħu huma eżempju ta'kif għandha tkun kompożizzjoni. U minnu u warajh hafna kisbu u kisbu ħafna.

Danhuwa frott ta'bidu u dedikazzjoni mużikali li kellu s-surmast Vincenzo Ciappara, imsejjaħ bir-raġun, ir-re tal-baned Maltin.

Vincenzo Ciappara twieled il-belt Valletta,mitt sena ilu, fis-sitta ta'Novembru, 1890. Minn missieru tgħallem iħobb il-mużika. Iżda t-tagħlim fil-mużika bdieh kważi b'kumbinazzjoni - biex ma ngħidux bix-xorti! Missieru kien rebaħ vjolin. Vinċenz beda jitgħallmu. Ta' 14-il sena beda jitgħallem taħt is-surmast Antonio Nani u ta'17 beda jdoqq ma' l-Orkestra tar-Royal Opera House fejn kien il-vjolin u vjolaprim. Kiseb ukoll esperjenza ma' surmastrijiet kbar bħal Paolino Vassallo, Carlo Diacono u Aurelio Doncich.

Laħaq surmast tas-soċjetà Filarmonika ta' l-Annunzjata, Ħal Tarxien, imbagħad, fl-1926, ta' De Rohan Ħaż-Żebbuġ, u sentejn wara laħaq surmast tal-Banda Konti Ruggieru tar-Rabat fejn dam għal wieħed u ħamsinsena. Fl-istess żmien mexxa wkoll il-Banda King's Own tal-Belt, Prince of Wales tal-Birgu u l-Banda La Vittoria ta' dan ir-Raħal.

L-ewwel kuntatt tal-banda La Vittoria mas-surmast Vincenzo Ciappara seħħ fl-1928, meta daqqet il-marċ tieghu *Sotto i Palmizi*, mixtri għall-banda minn Joseph Attard. Ta' min jgħid li dan il-marċ malti irrekordjat fuq diska. U ġa minn dak iż–żmien kienet xi ħaġa kbira u importanti li jkollok marċ ta'Ciappara.

Il-veru kuntatt tal-Każin La Vittoria mas-surmast Ciappara ġara fl-1957. Dak iż-żmien, is-surmast tal-banda kien Willie Attard likien marid ħafna. Kien żmien ukoll il-Festi tal-Ġublew tal-każin. Il-Kumitat ried surmast tajjeb biex il-Festi jkollhom Banda kif jixraq. L-ideal tal-banda 'XEJN MHU TAJJEB ĦLIEF IT-TAJJEB' wassalhom biex għażlu lis-surmast Ciappara. Il-Kumitat u l-Bandisti kienu nġibdu lejn dan is-surmast, ta' ħarsa profonda, li jaf jagħti każ tad-dettalji. Il-kariżma tiegħu ħakmithom. Għalhekk f'Ġunju ta' l-istess sena, intgħażel bħala Surmast tal-Banda La Vittoria.



*Vincenzo Ciappara - Ex-Surmast*

Kien unur u prestiġju li Banda tkun immexxija minnsurmast tal-kalibru ta' Vincenzo Ciappara. Kien kompożitur versatili ta' sinfoniji, marċi,cantati u oratorji, u mużika għall-Knisja. barra minn hekk poeti kbar bħal Nikola Biancardi, Ġorġ Pisani, Dun Frans Camilleri kitbulu versi immużikati minnu. L-istess Dun Karm, il-poeta Nazzjonali, kien mar ifittxu fil-Każin tal-King's Own, il-Belt u talbu jarmonizzalu għall-Banda l-Innu Nazzjonali miktub minnu u minn Robert Samut. Kien unur li l-Banda jkollha surmast bniedem li l-mużika tiegħu kienet ixxandret minnfuq il-BBC bħala Music from Malta għall-okkażjoni taż-zjara tar-Reġina Elizabetta. Kien ġieh kbir għal Banda li tkun immexxija minn surmast li kien ikkompona il-marċ tar-Rebħa wara it-Tieni Gwerra Dinjija, marċ li kien qanqal ħeġġa patrijottika.



Charles Coleiro imexxi l-Akkademja.

Qabel mas-surmast Ciappara laħaq surmast tal-Banda La Vittoria, ġa kellu okkażjoni jagħtu ġieh lil Mellieħa u li lMarija Bambina bl-Innu lil Madonna li kiteb għall-Każin Imperial.

Taħt it-tmexxija tiegħu, il-Banda kienet ħadet sehem fil-Festi ta'l-Indipendenza tal-1969, b'kunċert mogħti fi Pjazza Reġina l-Belt Valletta. Ċertifikat ta' tifħir dwar dan għadu jidher fir-reġistri tal-każin.

Is-Surmast Ciappara ma kienx jammetti u jaċċetta kompromessi fejn tidħol is-serjetà tal-mużika. Il-kunċerti għalih kienu importanti u għalhekk kien jesiġi li, l-bandisti kollha jattendu mqar darba fil-ġimgħa għall-kunċert. Għalih il-mużika ma kinetx passatemp. Kienet ħajtu u sa l-aħħar baqa' jagħtid-dedikazzjoni meħtieġ minkejja li l-artrite kienet qiegħda tifnih. Minħabba din il-marda u minħabba li kellu tmenin sena, wara l-Festa tal-Vitorja irtira mill-kariga tiegħu bħala surmast tla-banda La Vittoria, iżda xorta waħda baqa' jieħu interess f'din il-Banda u offra is-servizz tiegħu skond il-ħtieġa.

Is-Surmast Vincenzo Ciappara miet fid-29 ta' Lulju, 1979 fl-età venerabbli ta' 88 sena, rikonoxxut minn kulħadd bhala kompożitur kbir u artist mużikali: surmast li mexxa f'marċi xogħlijiet oħra mużikali is-sentimenti tal-poplu Malti. Il-mużika tiegħu hija l-ħoss ta' dan il-poplu u fuq kollox tas-sentimenti l-aktar profondi ta' dan il-poplu kważi paradossali: devot u reliġjuż fil-knejjes, storbjuż u brijuż fit-toroq, qalbu tajba imma l-pika jridha, kull ħaġa tifirdu u kull ħaġa tagħqdu. Dan kollu qiegħed fil-mużika ta' Vincenzo Ciappara.



Il-President Carm Lino Spiteri jirċievi l-bakketta mingħand l-Avv. Ciappara, iben Vincenzo Ciappara.

Bir-raġun il-Melleħin iħossuhom kburin li Vincenzo Ciappara rabat ismu mar-raħal tal-Madonna. U bir-raġun semmewlu triq għalih, triq li hija rikonoxxenza, li hija tifkira,li hija wkoll sens ta'kburija u ferħ.

Fl-okkażjoni tal-mitt sena minn twelidu l-Kumitat tal-Banda La Vittoria jissieħeb bil-qalb ma' l-inzjattiva li l-Posta ta'Malta fis-sitta ta'Novembru ta' din is-sena, toħroġ timbru biex tfakkar danl-anniversarju. Is-surmast Ciappara jistħoqqlu aktar minn sempliċi timbru. Dan il-bniedem li ta timbru qawwi, ġenwin u sabiħ lil marċ Malti jistħoqqlu u jixraqlu monument. Veru li kull marċ likiteb hu monument għall-kultura Maltija, imma issa l-kultura Maltija trid tkun rikonoxxenti lejn dan il-bniedem li kellu ħames talenti u ta' għaxra.

It-tifkira tal-lejla hija kontribut u rikonoxxenza ta' Banda lejn l-ex surmast tagħha.

**ĠORĠ ZAMMIT - Avukat**

Jiena kelli x-xorti,u nqisa xorti kbira, li lil Ġorġ Zammit sirt nafu mhux mill-kitba u l-kotba tiegħu biss, imma wkoll personalment. F'kull vers, f'kull xogħol letterarju sibt persunalità ta' min jistudjaha mhux biss għall-eżamijiet, għal xi programm letterarju, imma wkoll għlal-eżempju, għall-filosofija, għall-ħsieb. F'Ġorġ Zammit ma tistax tifred il-kittieb, kemm ta' poeżiji u kemm ta'novelli jew drammi, minn Ġorġ Zammit il-bniedem.



Ġorg Zammit - Avukat

Hemm kważi paradoss f'Ġorġ Zammit il-poeta: poeta tal-kelma mielsa, imma qawwija; poeta li jissaħħar bis-skiet, iżda kelmtu mirquma; poeta b'egħruqu f'ħamrija antika iżda bi frott u weraq dejjem ġdid. Bniedem ta' kultura għolja, iżda b'attitudnijiet sempliċi; filosfu u tifel; serju u ċajtier.

Il-bażi kulturali tiegħi tagħtu ħarsa mifruxa u mbiegħda b'mod li kiseb kultura kbira li għamlitu bniedem u kittieb profond. Uħud mill-kitbiet tiegħu u mit-traduzzjonaijiet tiegħu jixhdu din il-kultura miksuba f'diversi universitajiet bħal dik ta' Malta, tal-Gregorjana f'Ruma u dik ta' Londra. B'dan it-tagħlim huwa seta' jeżerċita wkoll il-professjoni ta' għalliem kemm fis-Seminarju u kemm fl-Università ta' Malta.

Iżda l-oriġini tiegħu f'Ħal Qormi, fejn twieled fis-16 ta'Marzu 1908, żammitu wkoll kittieb popolari, b'għażla ta' kelma li hija fuq fomm il-poplu tal-kampanja. Iż-żmien li għamel jgħix f'dawn in-naħat ta' Malta, l-aktar Selmun, ġagħbuh aktar f'kuntatt man-natura, mal-beraħ u mis-skiet u għalhekk mar-riflessjoni. Il-poeżiji tan-natura, l-għażla tal-kelma rustika, l-imħabbagħall-widien u l-għerien u postijiet oħra karatteristiċi Maltin huma xhieda ta' dan.

Waħda mill-ewlenin poeżiji tiegħu, miktuba fl-1938, jisimha *"L-Għerien tal-Fatati"* u l-istess awtur iniżżel li kitibha ħdej nil-ballut ta' l-Inġiebah, Selmun.

Fih ġa tidher dik il-lehma ta'poeta lijissaħħar u jistgħaġeb bis-sbuħija tal-paesaġġ, iżda fl-istess ħin l-ambjent iġegħlu jinżel fil-fond ta' ħsibijietu. Imqar l-ismijiet ta'diversi nħawi ta' Malta, l-aktar ta'din ix-xaqliba, iqanqlu fih ritmu u poeżija, leġġenda, folklore, kif jistqarr f'waħda mill-poeżiji tiegħi:

*Bħal qanpiena ġo widnejja*
*idoqquli l-ismijiet*
*t'Għajn Rihana ta' Buqana,*
*ta' Selmun u tal-Qaliet.*

*Ta' Gelmus, ta' Mġarr ix-Xini*
*taż-Żewwieqa u Fomm ir-Riħ,*
*ta' Ghar Barka, Wied il-Għasel,*
*Għar Kalipso, Għar ir-Riħ.*

Bir-raġun nistgħu ngħidu li bħala poeta tal-paesaġg Malti, tan-natura li saħħritu, Ġorġ Zammit twieled f'dawnl-inħawi.

Fl-istejjer ta' Wenzu u Rożi hemm ukoll element Mellieħ. Ngħiduha kif inhi, dawn l-istejjer li hu beda jikteb għal Monsinjur Mikiel Azzopardi fil-programm tal-Morda, huma qabel xejn imnebħa minn karattri u ambjent li hu trabba fih f'Ħal Qormi, kif stqarrli fl-intervista li kont għamiltlu għal Żafir. Iżda f'xi storja 'l hemm u 'l hawn il-Mellieħa ma tonqosx, speċjalment meta jagħti deskrizzjonijiet jew drawwiet tal-kampanja. Perezempju fl-istorja *'Soppa tal-Qar'Aħmar'*, meta jiddiskrievi waħda mill-isbaħ daħliet tal-Gżejjer tagħna, ċertament kellu dawn l-inħawi. L-istorja ta' *Ix-Xaħmet l-Art* hija mibnija fuq iż-żjara ta' Wenzu u Rożi lill-Grotta tal-Mellieħa. Il-karattru ġamri li jdaħħal f'din l-istorja, propjetarju ta'ħanut tax-xorb, kien fil-fatt jeżisti veru, jekk mhux bħala isem żgur bħala karattru.

L-istorja l-oħra, *"L-Imġiebaħ"* isimha magħha, hija kollha kemm hi ibbażata fuq l-inħawi ta'Selmun. Tassew sbieħ huma d-diskrizzjonijiet li jagħti ta' dawk l-inħawi, kif tħalli n-naħa tal-Miġduma u tasal għat-torri mġarrab ta Għajn Ħadid u l-blat tal-Qortin bl-għerien tal-Fatati. F'din l-istorja wkoll jagħti deskrizzjoni ħelwa tad-drawwiet tal-Mellieħa u fl-isfond il-Festa tal-Vitorja. Nibqgħu il-Mellieħa għall-istorja *Il-Qmis tal-Makrame*, għalkemm niċċaqilqu ftit lejn Għawdex, u fil-Mellieħa wkoll hija ambjentata l-istorja bl-isem *l-Egħriental-Fatati*, li tiegħu jagħti deskrizzjoni milquta. Waħda mill-isbaħ dwar il-Mellieħa hija *Wensu w Rożi jagħmlu Wegħda*, meta jmorru l-Mellieħa bil-nemnebus u Ġorġ Zammit idaħħal biċċa minn dik it-tqabbila popolari:



*Udjenza numeruża waqt l-Akkademja.*

Ġorġ Zammit kellu l-kredenzjali kollha biex jissejjaħ iben il-Mellieħa. U b'din il-ġibda likellu lejn dan ir-raħal ma setax jonqos li l-Kumitat tal-Banda La Vittoria għażlu President tiegħu fl-1941. Dam b'din il-kariga sa l-1962.

Tul il-presidenza tiegħu, l-Għaqda Mużikali iċċelbrat b'solennità kbira il-Ġublew tad-Deheb. Għall-okkażjoni, l-avukat Zammit kiteb innu lill-Banda, immużikat mis-surmast Willie Attard. Kiteb ukolll-Innu l-Kbir lil Marija Bambina li llum se nisimgħuh, moqri u fl-istess ħin kantat. Imqar f'egħluq il-ħamsa w sebgħin sena mit-twaqqif tal-banda, George Zammit ħaseb fil-Banda li bħal dik ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, kien isejjaħ tiegħu.

*Meta morna tal-Mellieħa*
*konna ħadna n-nemnebus.*

Illum, f'din it-tifkira, f'din it-tislima wara mewtu li ġrat fil-21ta' Lulju ta' din is-sena,fl-età ta'82 sena, aħna nleħnu l-versi sbieħu mħeġġa lil bihom sellem lil Marija tal-Mellieħa, bil-mużika mqanqla u devota u fl-istess ħin ferrieħija tas-surmast Willie Attard. Jaqra l-ewwel strofi Charles Colèiro u wara il-Banda u l-Kor La Vittoria tesegwixxi l-aħħar strofi, taħt id-direzzjoni tas-surmast Henry Camilleri.

**Ġorġ Peresso**